MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 716/2008

Joseph Bajada (Id. 429852M).

Vs

Michael Bezzina (Id. 335764M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li dan it-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tnejn u tmenin Ewro u erba u tletin centezmu (€582.34) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' merkanzija ordnata minnu stess u debitament konsenjata lilu kif ukoll spejjes legali, u cioe ittri legali mibghuta lilu. Bl-ispejjes legali u l-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talba ta' l-attur fil-konfront tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwa dovut l-ebda ammont da parti tal-konvenut fil-

konfront ta’ l-attur. B’riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

Sema’ x-xhieda tal-attur Joseph Bajada.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Michael Bezzina.

Sema’ x-xhieda ta’ Maria Josette Bezzina prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-nota pprezentata mill-konvenut fejn huwa ammetta t-talba tal-attur limitatament fl-ammont ta’ mija u hamsa u sebghin ewro (€175).

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-qosor, il-fatti tal-kaz huma s-segwenti, u cioe li l-konvenut kellu hanut tal-grocer, u l-attur kien ilu zmien jissupplixxilu l-ghagin. Il-konvenut kien ghalaq il-hanut tieghu f’Settembru tas-sena 2006, u skond l-attur sa dakinhar huwa kien baqa jissupplixxi prodotti ta’ ghagin. Peress illi l-konvenut kien ghad fadallu bilanc xi jhallas ghal tali konsenji sakemm inghalaq il-hanut, u peress illi l-konvenut ma kienx hallas, kellha ssir din il-kawza.

Illi in sostenn tat-talba tieghu l-attur esebixxa sensiela ta’ invoices li skond hu ghadhom ma thallsux mill-konvenut.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut ammetta li ghandu jaghti parti mill-ammont mitlub mill-attur u partikolarment l-ammont ta’ €175, pero xehed illi m’ghandu jaghti xejn hlief dan l-ammont peress illi huwa kien hallas il-qbija. Skond hu, l-mara tieghu kienet tiehu hsieb il-kontijiet u l-invoices tal-attur u hi kienet ghamlet il-hlasijiet kollha lilu.

Illi l-mara tal-konvenut ukoll xehedet li hi kienet hallset kollox lill-attur hlief ghall-ammont ta’ €175. Madankollu la hi u lanqas il-konvenut ma gabu l-icken prova ta’ dan il-hlas.

Illi tenut kont tal-provi u tax-xhieda moghtija, dan it-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi milqugha u dana principalment peress li filwaqt li l-attur rnexxilu jipprova t-talba tieghu sal-grad li titlob il-ligi, l-konvenut minkejja li qed jghid li huwa hallas lill-attur, bl-ebda mod ma rnexxilu jipprova dan.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u tnejn u tmenin Ewro u erba u tletin centezmu (€582.34), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------